MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 1915/2000/1

**Susan Callus, mart Mark Casare minnu legalment separata f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha minuri Nicole Cesare; u dan b'digriet tat-3 t'April 2003.**

**vs**

**Mark Cesare u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi kif jidher mic-certifikat tat-twelid hawn anness bhala Dokument "A" li jgib in-numru elfejn u tmienja u tletin tas-sena elfejn (2038/00) fit-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn

twieldet Nicole Cesare u giet registrata bhala bint Susan Callus u Mark Cesare;

U illi l-kontendenti Susan Callus u Mark Cesare sseparaw personalment b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella tas-sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena elf, disa' mija u disgha u disghin skond kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi wkoll li qabel din id-data kienu ilhom separati *de facto* ghall-*circa* sentejn u nofs kif ukoll jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi l-konvenut Mark Cesare mhuwiex missier it-tarbija msemmija kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

Illi wkoll illi t-tarbija fil-fatt m'ghandhiex pussess ta' stat konformi mal-att ta' twelid fuq imsemmi;

U li jirrinkorru l-elementi mehtiega skond il-Ligi sabiex ic-certifikat ta' twelid imsemmi jigi korrett;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li Nicole Cesare li twieldet fit-30 ta' Mejju 2000 mhix il-wild tal-konvenut Mark Cesare b'tibdil ghal dak li hemm dikjarat fic-certifikat tat-twelid tieghu hawn anness (Dok. "A")

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikat tat-twelid fuq imsemmi numru 2038 tas-sena elfejn Dok. "A" fil-paragrafi kollha li jirrigwardaw it-taghrif dwar missier it-tarbija billi jindika f'dawn il-paragrafi in sostituzzjoni ghal dak li hemm fihom il-*"Unknown Father"* jew dicitura li solitament issir f'kazijiet simili u jitnehhew ir-riferenzi ghall-konvenut Mark Cesare u familjari tieghu mic-certifikat imsemmi minn kull fejn huma ndikati u partikolarment mill-kolonni dwar isem u kunjom missier it-tarbija, dwar professjoni, eta', post ta' twelid that kull provvediment li jidhrilha xieraq.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa stess in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 *et seq.* tal-process;

Rat ir-rikors tal-attrici tad-19 ta' Settembru 2000 fejn talbet li tigi konfermata bhala kuratrici *ad litem* biex tirrapprezenta lil bintha minuri Nicole Cesare ghall-finijiet tal-kawza, liema rikors giet degretat fit-3 ta' April 2003 (a fol. 9) fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 13 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi dwar il-mertu tac-citazzjoni odjerna huwa mhuwiex edott mill-fatti kif allegati mill-attrici u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba u ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ghandu qabel xejn isir id-debitu avviz fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16**;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li jintlaqghu t-talbiet attrici ghandhom jigu kancellati l-kliem *"the said"* mill-kolonna li tirreferi ghal partikolaritajiet tal-omm;

4. Illi fi kwalunkwe kaz, ic-cirkostanzi li taw lok ghall-kawza odjerna huma ghal kollox estranei ghall-konvenut li allura m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tieghu a fol. 14 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Gunju 2001 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Chris Cilia biex jigbor il-provi; tal-20 ta' Novembru 2001; tas-16 ta' Ottubru 2002 fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju u ordnatlu jirritorna l-process; u tad-9 ta' Jannar 2003 fejn Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-attrici talbet li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-konvenuti

msejha diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita ghat-30 t'April 2003 ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza sabiex Mark Cesare, il-konvenut, jigi dikjarat li mhux il-missier naturali tal-minuri Nicole Cesare li twieldet fit-30 ta' Mejju 2000 (Att tat-Twelid Nru. 2038/00).

Illi fix-xhieda taghha l-attrici **Susan Callus** ikkonfermat id-dikjarazzjoni guramentata taghha. Hija kkonfermat li bintha Nicole twieldet fit-30 ta' Mejju 2000. Hija u l-konvenut zewgha kienu ilhom mifrudin minn xulxin ghal sentejn u nofs qabel ghamlu l-kuntratt ta' separazzjoni. Dan ta' l-ahhar gie ppubblikat fis-7 ta' Dicembru 1999 fl-atti tan-Nutar Dr. Nicholas Vella (Dok. "SC1" a fol.28 *et seq.* tal-process). Hija esebiet ukoll kopja ta' skrittura ta' kera datata 3 ta' Novembru 1999 bejn l-istess attrici u l-konjugi Tabone (Dok. "SC2" a fol. 34 u 35 tal-process). Hija spjegat li dan huwa l-fond fejn marret tghix f'dik id-data. Qabel it-3 ta' Novembru 1999 hija kienet ghexet m'ohtha Mary Anne Wellman fl-indirizz *"54, Hilltop Crt, Triq is-Sliem, M'Scala"* u dan ghal madwar sena u nofs, cjoe' minn meta telqet lil zewgha. Hija ddikjarat li ghamlet ukoll perjodu qasir tghix m'ommha. L-attrici kkonfermat illi ghall-perjodu ta' mill-anqas 10 xhur – fil-fatt hafna izjed – qabel it-twelid ta' bintha ma kellha ebda kuntatt sesswali ma' zewgha. Minn mindu telqet mid-dar huma qatt ma kellhom relazzjonijiet intimi ma' xulxin.

Illi l-konvenut qatt ma wera nteress fil-minuri, qatt ma fittex li jaraha jew li jmantniha jew b'xi mod ikollu xi kuntatt maghha ghax hu jaf li mhux il-missier naturali taghha. Anke l-familja tieghu jafu li mhiex bintu u nfatti qatt ma wrew ebda nteress fiha.

Illi **Yvonne Callus,** oht l-attrici, xehdet li meta ohtha u Mark Cesare nfirdu, Susan Callus marret tghix ghand il-genituri taghhom fejn tghix ix-xhud innifisha. Imbaghad l-attrici marret tghix ghand ohthom Mary Anne Wellman u sussegwentement kienet kriet post fejn marret tghix ghal rasha. Ix-xhud qalet li ohtha Susan kienet harget tqila fil-perjodu meta kienet tghix m'ohtha Mary Anne Wellman. Hija kkonfermat illi dak iz-zmien ohtha kienet ilha separata *de facto* minn ma' zewgha u sa fejn taf hi ma kien hemm ebda kuntatt konjugali. Meta mbaghad twieldet il-minuri Nicole, il-konvenut qatt ma kien involut bl-ebda mod u qatt ma ha nteress fiha. Sa fejn taf hi huwa lanqas qatt ma raha lit-tifla; u, sahansitra lanqas ma zamm ebda kuntatt mal-familja taghhom b'mod generali. *Inoltre* ohtha Susan gieli tkellmet maghha u kkonfermatilha li l-missier tal-minuri mhux zewgha Mark Cesare.

Illi **Marianne Wellman**, oht l-attrici, xehdet li meta ohtha Susan infirdet minn zewgha l-ewwel marret tghix mal-genituri taghhom, u mbaghad marret toqghod maghha u wara ghal rasha. Susan kienet tiftah qalbha maghha. Meta l-attrici harget tqila kienet qed tghix ghand ix-xhud u din ta' l-ahhar qalet li l-attrici ma kien qed ikollha ebda kuntatti ma' zewgha Mark Cesare. *Inoltre* l-istess attrici kkonfermatilha li missier it-tarbija Nicole mhux zewgha Mark Cesare. Infatti l-konvenut qatt ma wera nteress fit-tarbija u tiddubita jekk qattx raha b'ghajnejh.

Illi fil-fatt din l-azzjoni ttentata mill-attrici hija wahda minn tliet azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakkata l-legittimita' ta' l-ulied u cjoe':-

(a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew ta' *denegata paternita'* a bazi tal-**Artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa ndikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassativament fis-**Subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-prezunzjoni *"pater est quae iustiae demonstrat",* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma biss ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta' l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**Artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* tal-**Artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta' iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-**Artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propozitu ta' din l-azzjoni nghad fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** (A.C. 14 ta' Jannar 1952:-

*"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi.*

*It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra nteressati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibilta' fizika ta' koabitazzjoni tal-prezenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza.*

*Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibilta' fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu.*

Illi f'kaz maghmul a bazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. A. J. M. 21 ta' Frar 1996) inghad illi *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu l-possibilta' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali tal-istess attur".*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**Artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn ghal dak li huwa relevanti ghal dik il-kawza fl-**Artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu nteress, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibilta' li jghammar ma' martu minhabba li kien 'il boghod minnha.*

*Illi din l-ahhar azzjoni imsemmija ta' mpunjazjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess tifel peress li hija disponibbli ghal min ghandu nteress, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel".*

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita' jew anke kontestata l-legittimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni a bazi tal-**Artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**Artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jista' jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma' tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ttentata skond **l-Artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond **l-Artikolu 80** *"stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah*;

*(c) Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d) Illi huwa jkun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (PA.RCP 26 ta' Jannar 2000) li skond il-provvedimenti tal-**Artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas ta' att ta' twelid **jew** tal-pussess ta' stat* (u dan skond kif definit fl-**Artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**Artikoli 81** mal-**Artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**Artikolu 77** dwar l-impossibilta' fizika, hija wkoll kundizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. RCP 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'riferenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-**artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna ndikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss mal-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta' twelid, **hadd** ma jista' jattakka dan l-istat a bazi tal-**Artikolu 77** anke jekk tigi ppruvata l-impossibilta' fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie wkoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol.XXXII.ii.309) u **"Jesmond**

**Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. RCP 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad li:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti tal-**Artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid **jew** ta' pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-**Artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista' issir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati fis-sentenzi **"Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella"** (P.A. RCP deciza fl-1 ta' Marzu 2001 Cit. Nru: 1841/98/RCP); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit. Nru. 190/97/RCP, **"Anthony Sant vs John Cutajar et"** (P.A. RCP 10 ta' Novembru 1999); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** (P.A. RCP deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit. Nru: 190/97/RCP); **"Natalino Scerri vs Giovanni Minafo`"** (P.A. RCP deciza fl-14 ta' April 2000 – Cit Nru 1919/98/RCP).

*Illi ghal dik li hija l-kawza odjerna ma hemm l-ebda dubju li din l-azzjoni giet istitwita skond il-parametri tal-**Art.76 u 77 tal-Kap.16**.*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attrici Susan Callus u l-konvenut Mark Cesare isseparaw legalment permezz tal-kuntratt datat 7 ta' Dicembru 1999 fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella. Illi l-minuri Nicole twieldet fit-30 ta' Mejju 2000 u kwindi t-terminu stabbilit mil-ligi *"bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid.."* ma kienx ghadda bejn l-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni u t-twelid tat-tarbija, u kien ghalhekk li l-minuri giet registrata fuq kunjom il-konvenut.

Illi pero' madankollu l-attrici ddikjarat li hija u zewgha kienu ilhom mifrudin minn xulxin ghal sentejn u nofs qabel iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni. Hija kienet ilha hafna aktar minn ghaxar (10) xhur qabel it-twelid ta' bintha ma

jkollha kuntratt sesswali ma' zewgha. Hija xehdet ukoll li l-konvenut qatt ma raha lill-minuri, qatt ma wera nteress fiha jew b'xi mod kien kien involut fit-trobbija taghha u lanqas il-familja tieghu ma wrew ebda nteress fiha. Illi *inoltre* esebiet skrittura privata ta' kera datata 3 ta' Novembru 1999 (a fol. 34 u 35 tal-process) bejnha u bejn il-konjugi Tabone fejn jirrizulta li hi kienet qed tikri appartament f'Wied il-Ghajn.

Illi x-xhieda ta' l-attrici giet korroborata minn hutha. Infatti huma xehdu li meta hi u zewgha nfirdu l-attrici l-ewwel marret tghix ghand il-genituri taghhom, imbaghad ghand Marianne Wellman u sussegwentement marret tghix ghal rasha. Illi huma t-tnejn ikkonfermaw illi meta ohthom harget tqila hija kienet qed tghix ma' Marianne Wellman u kienet ilha separata bhala stat ta' fatt minn ma' zewgha, u sa fejn jafu huma ma kien hemm ebda kuntatt mieghu. *Inoltre* kkonfermaw illi l-konvenut u lanqas familtu ma nteressaw ruhhom fil-minuri Nicole.

Illi l-konvenut min-naha tieghu, ghalkemm gie notifikat bic-citazzjoni attrici fit-8 ta' Marzu 2001 ghazel li ma jipprezenta ebda nota tal-eccezzjonijiet u kwindi huwa kontumaci.

Illi mill-provi kollha prodotti din il-Qorti hi sodisfatta li l-azzjoni attrici ghandha tirnexxi ghaliex irrizulta li bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri ma kien hemm l-ebda relazzjonijiet intimi bejn l-attrici u l-konvenut kif tiddisponi l-ligi u kwindi Mark Cesare mhux il-missier naturali tal-minuri Nicole Cesare, u ghalhekk ghandhom isiru l-korrezzjonijiet idonei fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku in kwantu l-istess jikkontrastaw mat-talbiet attrici, u fil-kontumacja tal-konvenut Mark Cesare **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara li Nicole Cesare li twieldet fit-30 ta’ Mejju 2000 mhix il-wild tal-konvenut Mark Cesare ghal dak li hemm dikjarat fic-certifikat tat-twelid taghha.

(2) Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-opportuna korrezzjoni fl-Att tat-Twelid numru 2038 tas-sena 2000 riferibbli ghat-twelid tat-tarbija Nicole Cesare billi jithassar isem l-attur mill-kolonna ntestata *“missier it-tarbija”* u jithassru wkoll fil-kolonni sussegwenti l-konnotati kollha tal-istess attur, u dan *stante* li l-attur m’huwiex il-missier tal-istess minuri, u minflok tigi nserita l-frazi *"unknown father”* fil-kolonna ntestata *“Isem u Kunjom”* fl-istess Certifikat tat-Twelid Numru 2038/00, b’mod li jigi ndikat li l-isem tal-missier tal-istess minuri m’huwiex maghruf u dan *oltre* korrezzjonijiet, zidiet, sostituzzjonijiet u modifiki ohra li jista’ jkun hemm bzonn fic-citat Att tat-Twelid li jeskludu lill-attur milli jigi ndikat bhala l-missier tal-istess minuri.

Illi l-Qorti tordna wkoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f’gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta’ kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16,** kollox a spejjez tal-istess attrici Susan Callus.

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-istess attrici Susan Callus *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenuti l-ohra.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------